IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-24 ta' April 2018

L-Awdituri jeżaminaw il-programm ta' modernizzazzjoni għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed twettaq awditu dwar il-fażi ta' twaqqif tas-SESAR, il-programm ta' modernizzazzjoni teknoloġika għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-UE. L-awditu se jeżamina jekk din il-fażi hijiex qed tiġi mmaniġġjata tajjeb u jekk hijiex se tikkontribwixxi għall-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (SES).

L-għan tal-inizjattiva SES huwa li ttejjeb il-prestazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew billi tittrasferixxi r-responsabbiltà f'għadd ta' oqsma minn prattika intergovernattiva għal qafas tal-UE. Din l-inizjattiva stabbiliet gradwalment ġabra ta' regoli għall-UE kollha, li twettqet flimkien mas-SESAR u ġiet appoġġata minn inċentivi finanzjarji.

"It-trasport bl-ajru huwa komponent kruċjali tas-suq uniku tal-UE. Madankollu, l-ambjent li fih qed titwettaq il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa huwa teknoloġikament frammentat. Dan irriżulta f'aktar spejjeż u dewmien kif ukoll f'impatti negattivi fuq l-ambjent", **qal George Pufan, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu**.

L-awdituri se jeżaminaw il-ħtieġa u t-tfassil tal-intervent tal-UE fil-fażi ta' twaqqif tas-SESAR, il-ġestjoni tal-finanzjament allokat għaliha mill-UE u l-punt sa fejn it-titjib fil-prestazzjoni qiegħed verament jitwassal. Huma se jżuru proġetti ffinanzjati mill-UE fil-Ġermanja, il-Greċja, Franza, il-Litwanja u l-Polonja.

Huwa ppjanat li r-Rapport Speċjali jiġi ppubblikat fir-rebbiegħa tal-2019.

Nota lill-Edituri

F'Novembru 2017, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-Rapport Speċjali Nru 18/2017 ("Ajru Uniku Ewropew: il-kultura nbidlet, iżda għad ma hemmx ajru uniku") li kopra għadd ta' strumenti regolatorji tal-inizjattiva SES kif ukoll il-fażijiet ta' definizzjoni u ta' żvilupp tal-proġett SESAR. Dak l-awditu eskluda deliberatament l-aħħar fażi – it-twaqqif – għax kien biss fl-2014 li hija nbdiet formalment. Issa huwa fattibbli li tiġi koperta din il-fażi, li qed tingħata appoġġ ta' EUR 2.5 biljun mill-baġit tal-UE.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem **T: (+352) 4398 47063** **M: (+352) 691 55 30 63**
Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa **T: (+352) 4398 45410** **M: (+352) 621 55 22 24**
12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg
E: press@eca.europa.eu **@EUAuditors** **eca.europa.eu**